# IL-WEGĦDI FIERGĦA TA' QABEL L-ELEZZJONIJIET



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



Il-President Amerikan Donald Trump wiegħed li jneħħi l-Obamacare mal-ħatra tiegħu iżda jidher li għad ma sabux sistema oħra li tista' toħdilha postha

Dan l-aħħar ir-Repubblikani fl-Istat Uniti, imbuttati ħafna mill-President Donald Trump, mexxew bil-qawwa l-leġiżlazzjoni ġdida bl-iskop li jkissru u jarmu r-riforma li kien għamel il-President ta' qablu Obama dwar is-saħħa, li r-Repubblikani stess kienu laqqmuha Obamacare.

Permezz ta' din is-sistema, il-Gvern Amerikan immexxi minn Obama kien ħa miżuri biex jestendi s-servizz tas-saħħa lill-Amerikani fqar u pprova jilqa', kemm jista' jkun, kontra l-kumpaniji tal-assikurazjoni li kienu dejjem jaraw kif jagħmlu l-profitti a skapitu tal-pazjenti. Dan, sintendi dejjem skont il-fehma tal-eks-President Obama.

Din is-sistema, ir-Repubblikani kienu seħtuha, joboghduha u l-ewwel wegħda elettorali tagħhom kienet li malli jitilgħu fil-gvern iqaċċtuha min-nofs mal-ewwel u jagħmlu xi ħaġa oħra minflokha. Fil-fatt, ippruvaw jagħmlu dan, però fl-aħħar minuti rtiraw din il-liġi l-ġdida li kienu qegħdin jipproponu għax ma kellhomx biżżejjed sapport. Dan ifisser li minkejja li r-Repubblikani qegħdin fil-maġġoranza kien hemm numru kbir minnhom li reġgħu ħasbuha.

Jidher li ma kienx hemm preparazzjoni tajba biżżejjed biex l-Obamacare toħdilha postha sistema li hi aħjar minnha. L-iktar ħaġa kważi xokkanti hi li ma nstabitx sistema aħjar, minkejja gvern, anzi l-Presidenza Amerikana, li għandha dik is-saħħa u dawk ir-riżorsi li jinkludu rebbieħa tal-Premju Nobel u xjenzati tal-iprem kwalità. Dan ifisser li kien hemm ħafna duħħan politiku u rieda soda li titneħħa, però ħadd ma ħadem fuq pjan tajjeb li huwa aħjar milli kien hemm u tajjeb biżżejjed biex jiġi aċċettat.

L-istess ġara fil-każ ta' Brexit, fejn ftit wara li dawk il-partiti populisti li dejjem emmnu li jkun aħjar għar-Renju Unit li jkun barra mill-Unjoni Ewropea, irnexxielhom jikkonvinċu linnies u rebħu r-referendum u mill-għada stess irrealizzaw li ma kellhomx pjan alternattiv.

Irrealizzaw li ma kinux jafu l-istimi ta' kemm se tiswa Brexit, ma kinux jafu l-konsegwenzi, ma kinux jafu x'inhu l-impatt fuq il-banek, l-impatt fuq il-kumpaniji, l-impatt fuq il-kwistjoni ta' *passporting* ta' servizzi u allura issa qegħdin jippruvaw ilaħħqu ma' din is-sitwazzjoni.

Huwa tassew xokkanti u kważi kważi ma tistax temmen li filwaqt li kellhom kampanja daqshekk qawwija ma kinux qegħdin jistudjaw l-impatt u x'inhi l-alternattiva. Dawn kienu mingħajr *road map*, pjan li tesegwih mal-ewwel hekk kif titla' fil-gvern jew tirbaħ referendum. Dan jidher li ma sarx.

U allura wieħed jistaqsi; dawn il-partiti populisti, li meta tismagħhom jinżlulek għasel donnhom mużika ħelwa fis-sens li jġibu affarijiet sbieħ bħal li jridu l-ġid, li jkun hawn it-tqassim tal-ġid u jridu li l-affarijiet ikunu ħafna aħjar, dawn imma għandom pjan serju li dan kapaċi jkunu jistgħu jimplimentawh meta jitilgħu fil-gvern?

Għalhekk l-elettorat irid jagħrbel bis-sħiħ meta jiġi biex jivvota. Fil-każ ta' Malta, meta naslu għall-elezzjoni, iż-żewġ partiti jridu jippreżentaw lill-elettorat dak li ngħidulu l-programm elettorali. Wieħed irid jara kemm hu kredibbli, kemm daħal fil-fond, kemm huwa kwantitattiv, kemm jista' jiġi mplimentat u kemm huwa programm kredibbli.

Qabel l-aħħar elezzjoni, meta konna fl-Oppożizzjoni, konna għamilna dan il-pjan u issa nistgħu ngħidu x'inhuma l-vantaġġi li jkollok pjan li jkun maħdum sew u bir-reqqa. Dan il-pjan ma jistax ibassar kull mhu se jiġri mija fil-mija.

Imma għall-inqas, fil-maġġoranza tal-miżuri li tkun wegħedt, jekk inti tkun ħdimthom sew, tkun f'pożizzjoni li twettaqhom, bħal ma fil-fatt qiegħed jagħmel dan il-gvern.

Dak li ġara fl-Istat Uniti tal-Amerika u fir-Renju Unit għandu jġegħelna naħsbu. Meta jiġi xi ħadd qabel l-elezzjoni u jwegħdek, biex ngħidu hekk, il-ġenna talart, wieħed għandu jagħrbel kemm dak li qed jġħid huwa minnu, kemm il-pjan huwa maħdum sew, kemm huwa kredibli.

B'hekk, wieħed ikun jista' jagħmel ġudizzju tajjeb meta jidħol fil-kamra żgħira biex jivvota.

## Tibdil fl-istrutturi soċjali?

Sur Editur,

Irid jibqa' jiġi enfasizzat li l-aspett kulturali ma jistax jinjora jew jinfatam mill-istrutturi ekonomiċi. U proprju fil-qasam ekonomiku wieħed ma jistax jinjora l-aspett soċjokulturali ta' pajjiżna.

F'dan l-isfond, it-twettiq konkret tal-ideat biex jiġu mibdulin gradwalment l-istrutturi tas-soċjetà tagħna hija bla dubju ta' xejn sfida importanti.

Fil-qasam ekonomiku pajjiżna għaddej minn tibdil mgħaġġel u radikali. Il-pressjoni tajba biex tiddaħħal aktar kompetittività permezz tal-liberalizzazzjoni! Kellna l-iżvilupp tajjeb ta' ħidmet iċ-Ċentru Finanzjarju. Ir-ristrutturar industrijali xhieda ta' dan it-tibdil. Jibqa' ta' fejda li wieħed jirrifletti ftit fuq l-għan aħħari li jrid jintlaħaq, il-metodu li għandu jintuża u l-kunflitti soċjali li jistgħu jinħolqu.

Bażikament qegħdin nitkellmu fuq l-preżenza tal-Istat u l-fruntieri tas-suq. Fi kliem ieħor, ir-relazzjoni bejn gvern u ċittadin bl-implikazzjonijiet kollha tagħha f'termni ta' attività ekonomika, fiskali, soċjali u kulturali.

L-isfida tibqa' dejjem kif l-Istat jista' joħloq l-ambjent ġust fejn kull ċittadin – l-aktar dawk emarġinati u l-vulnerabbli – ikollu l-opportunità kollha li jwettaq il-proġetti tiegħu.

Pajjiżna ma jistax jaħrab mir-realtà tas-suq internazzjonali. Irridu jew ma rridux, pajjiżna irid jikkompeti ma' pajjiżi oħrajn, xi minn daqqiet aktar żviluppati minna, iżda kollha intenzjonati li jżidu r-rata ta' investiment industrijal, jittrasformaw ruħhom f'ekonomija ta' servizzi u finalment ikattru l-ġid nazzjonali.

Irridu nibqgħu nistaqsu. Kif se nikkompetu magħhom bl-istrutturi li bnejna jew għandna nkomplu nbiddlu, forsi radikalment? Is-settur privat jekk ikun sostnut minn strateġiji serji u fit-tul jista' faċilment jagħmel dan. Iżda jeżistu strutturi tajbin biżżejjed biex is-settur jilħaq dan il-għan?

Ħa nieħdu eżempju, b'ħarsa lejn il-politika industrijali.

X'inhuma dawk il-piżijiet żejda li qiegħda ġġorr l-industrija tagħna u li allura jxekkluha milli tkun kompetittiva? L-aspettattivi ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna qegħdin jikbru u dak li kien lussu sa ftit snin ilu, issa qiegħed isir neċessarju. Iċ-ċittadini qegħdin jitolbu impjiegi aħjar, prodotti u servizzi aħjar, ambjent u kwalità tal-arja aħjar, ukoll jekk dawn l-esiġenzi jistgħu xi darba jkunu kontraditorji.

Kull dibattitu li jpoġġi l-Istat kontra s-suq ikun dibattitu astratt u vojt u bħalu kull dibattitu li jpoġġi lill-gvern kontra ċ-ċittadin.

Li hemm bżonn huma regoli ċari u *above board* magħmulin biex jirregolaw is-suq minn ġewwa u mhux biex jittellef il-mekkaniżmu tas-suq minn barra. Il-*policy makers* tagħna flok jikkonċentraw u jkomplu bl-ossessjoni tagħhom li jirregolaw irriżultat finali tas-suq permezz ta' regoli kemxejn arkajċi u kkomplikati, għandhom jiffokaw l-azzjoni tagħhom fuq il-kitba tar-regoli tas-suq.

Bla ebda dubju, dawn ir-regoli għandhom jirriflettu l-valuri u l-aspettattivi tas-soċjetà tagħna u l-piż li jingħata lil ċerti kunċetti bħall-kompetittività, is-solidarjetà u d-dimensjonijiet soċjali tal-ekonomija.

Ir-regoli li nagħmlu jridu jirrispettaw l-ambjent soċjo-kulturali ta' pajjiżna. Kull soluzzjoni li tikkopja l-esperjenzi barranin jew xi mudell teoretiku/teoriku bla ebda riferenza għall-problemi u sfidi lokali, tkun ikkundannata għal falliment.

Taħseb li l-*buzz word* "*restructure or die*" tagħmel xi ftit tas-sens għal pajjiżna?

IL-FARFETTIER,
Il-Ħamrun